

31973R1707

29.6.1973

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 175/5

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru No 1707/73

tas-26 ta' Ġunju 1973

li jipprovdji għall-miżuri specjalni fir-rigward taż-żerriegħha tal-kolza u tar-rapa għaż-żriegħ, u li jaddatta fir-rigward ta' dawn il-prodotti in-nomenklatura mogħtija fir-Regolamenti Nru 136/66/KEE, (KEE) Nru 2358/71 u (KEE) Nru 950/68

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarmen Artikolu 43 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew;

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2358/71 (¹) tas-26 ta' Ottubru 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiż-żrieragħ ikopri ż-żrieragħ taż-żejt u l-frott oleoġenju għaż-żriegħ li jidħol fit-tariffa bl-intestatuta Nru ex 12.01; billi, għalhekk, dawk iż-żrieragħ ma jidħlux aktar fl-iskop tar-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE (²) tat-22 ta' Settembru 1966 dwar l-istabbiliment ta' l-organizzazzjoni komuni fis-suq taż-żjut u x-xaħmijiet, kif l-aħħar emendat bl-Att li jikkonċerna l-Kondizzjonijiet ta'l-Adeżjoni u l-Āġġustamenti tat-Trattati; billi, għalhekk, huwa meħtieġ li tkun irratifikata n-nomenklatura li tir-riġwardja l-prodotti elenkti f'Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 136/66/KEE u f'Artikolu 1 tar-Regolament (KEE)

Nru 2358/71 (³); billi r-Regolament (KEE) Nru 950/68 (⁴) dwar it-Tariffa Komuni Doganali, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1014/73 (⁵) għandu jkun mibdul kif xieraq;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2358/71, li ilu japplika sa mill-1 ta' Lulju 1972, ma jagħmel l-ebda dispożizzjoni dwar ir-rifużjoni fuq l-esportazzjoni tal-prodotti li hu jkɔpri; billi, sabiex jiffaċilita t-transizzjoni mis-sistema li hemm provvediment dwarha f'Artikolu 28 tar-Regolament Nru 136/66/KEE lejn is-sistema l-ġdid, dispożizzjoni għandha ssir għall-miżuri li bihom ir-rifużjoni fuq l-esportazzjoni tista' tkun mogħtija matul perijodu limitat fuq iż-żerriegħha tal-kolza u tar-rapa għaż-żriegħ li huma esportati jew li dwarhom iffissar bil-quddiem ikun mitlub matul dak il-perjodu;

ADOTTA DAN ID-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fil-Kapitolu 12 ta' l-Anness "Tariffa Komuni Doganali" tar-Regolament (KEE) Nru 950/68, it-tariffa bl-intestatura Nru 12.01 għandha tkun emadata biex tinqara kif ġej:

| Intestatura Nru | Deskrizzjoni ta' l-oġġetti | Rata tad-dazju | |
|-----------------|----------------------------|---------------------|-----------------|
| | | % awtonomu jew leyv | % konvenzjonali |
| 1 | 2 | 3 | 4 |
| | A. Għaż-żriegħ (⁶) | B'xejn | (⁷) |
| | B. Oħrajn | B'xejn (⁸) | (⁹) |

(⁶) Dħul f'din is-subintestatura huwa suġġett għall-kondizzjonijiet iddeterminati mill-awtoritajiet kompetenti.

(⁷) Ara l-Anness.

(⁸) Fċerti kondizzjonijiet, il-ġbir ta' l-ammont kcompensatorju hemm provvediment dwaru b'żieda mad-dazju doganali.

(¹) ĠU L 246, tal-5.11.1971, p. 1.

(²) ĠU No 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.

(³) ĠU No L 73, tas-27.3.1972, p. 14.

(⁴) ĠU No L 172, tat-22.7.1968, p. 1.

(⁵) ĠU No L 106, ta' l-20.4.1973, p. 1.

Artikolu 2

1. It-test ta' Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament 136/66/KEE huwa emendat biex jinqara kif ġej:

"(a) 12.01 Żrieragħ taż-żejt u l-frott oleoġenju, sħiħ jew imfarrak:

B Oħrajn."

2. It-test ta' Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71 fdak li jikkonċerna t-tariffa bl-intestatura Nru ex 12.01 huwa mibdul b'dan it-test li ġej:

"12.01 Żrieragħ taż-żejt u l-frott oleoġenju, sħiħ jew imfarrak:

A Għaż-żriegħ."

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-26 ta' Ġunju 1973.

Artikolu 3

Ir-rifużjoni li hemm provediment dwarha f'Artikolu 28 tar-Regolament Nru 136/66/KEE għandha tkun mogħtija għall-esportazzjoni taż-żerriegħha tal-kolza u tar-rapa għaż-żriegħ li kienu ġew esportati jew li dwarhom ir-rifużjoni kienet iffissata bil-quddiem matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju 1972 sal-31 ta' Jannar 1973.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħħ nhar l-1 ta' Settembru 1973.

Għal-Kunsill

Il-President

R. VAN ELSLANDE
